**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Neville Said. iben Michael u Kathleen nee` Buttigieg, imwieled ir-Rabat, Ghawdex fis- 16 ta' Dicembru, 1984, residenti fil-fond numru 11, Triq l-Isqof Ruzar Farrugia, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita` numru 7685(G)**

*Numru: 206/2018*

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Neville Said,** u cioe` talli:

Nhar l-20 ta' Marzu, 2017, bejn il-11 ta' filghodu u s-1.10 ta' wara nofsinhar gewwa x-Xaghra, Ghawdex u/jew f'dawn il- Gzejjer:

1. waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew pprova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolamenti 18(1)(c) ta' L.S. 549.42;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il- Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux

skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur tar-Regolamenti 4(1)(a) ta' L.S,549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' regolament (7)(1)(e) tal- L.S. 549.42;

4. U Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' Regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal- Ghasafar Selvaggi, u cioe' l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(d) tal- L.S. 549.42;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta' Regolament 27(2)(b) tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi; multa ta' mhux inqas minn elf ewro (€1,000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef ewro (€10,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u r-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konsevazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

**Emanuel Muscat** in rapprezentanza tal-Wild Bird Regulation Unit xehed li ghalkemm l-imputat kellu licenzja li kienet tippermettilu jonsob mhallsa sal-2021, f'Marzu tal-2017 ma kien hemm l-ebda deroga li kienet tippermetti l-insib u ghalhekk ma seta' jsir l-ebda insib f'dak iz-zmien.[1]

**Leigh Assinders** xehed li hu flimkien ma Olivia Maso kien hejja r-rapport esebit in atti[2] wara li kienu osservaw dak li fil-fehma taghhom kien insib illegali fil-vicinanzi tal-Calpyso Cave.[3] Iddeskriva kif fl-20 ta' Marzu, 2017,

[1] Fol.66
[2] **Dok. BCS 3** a fol. 9 et seq
[3] Fol.71

*"were walking along a coastal path near Calypso Cave when we spotted a man in a hide. There were* ***illegal callers playing for finch trapping, there were decoy birds that could be seen on the trapping site and nets and poles indicating the trapping site was fully operational****….we saw a man in the hide who was reasonably well-built. We were only probably about forty metres (-40m) away from him….We observed for some time and saw him actually operating the trap…..there were decoys which were alive and callers calling at this time."*. Kompla jixhed kif fuq il-post intlemmah Mitsubishi Lancer bin-numru SAM-174.[4] Mitlub jipprova jiddentifika lill-imputat dan ma iddentifikahx.[5]

**Olivia Maso** li kienet ma Leigh Assinders xehdet ukoll izda tghid li hi ma rat xejn peress li kien Leigh li kien qed jiehu l-filmat.[6]

Meta gie interrogat l-imputat dan ghazel li ma jwiegibx ghad-domandi dwar l-allegazzjonijiet li kien qed jonsob fl-istagun maghluq. Madanakollu ammetta li d-dura in kwistjoni kienet tieghu.[7]

Fir-rapport kongunt ta' Maso u Assinders, liema rapport gie kkonfermat minnhom[8], hemm ritratti li fihom jidher cjar ir-ragel li jissemma minn dan tal-ahhar.[9] Fl-istess rapport jinghad ***"There were nets, caged decoys, a caller for finches was playing and the trapper was in the hide. The man was seen pulling trapping mechanisms and actively using the trapping site****."*[10]

Din il-Qorti tista' tiddetermina li mhemmx dubbju li l-imputat hu l-persuna li tidher fir-ritratti msemmija fir-rapport li gie debitament kkonfermat minn Leigh Assinders. Ir-ritratti huma carissimi tant li wasslu lill-pulizija sabiex tiddentifika u tinterroga lill-imputat bhala l-persuna li kienet tidher f'dawk ir-ritratti.[11]

---

[4] Fol.71
[5] Fol.72
[6] Fol.75
[7] **Dok.BCS1** a fol.6-7
[8] Fol.70-71
[9] Fol.10-11
[10] Fol.11
[11] Fol.5

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova soddisfacentement l-kaz taghha.

Mill-fedina penali esebita jirrizulta li fl-2008 kif ukoll fl-2012 l-imputat kien instab hati ta' reati simili. Dan juri li l-imputat ma tghallem xejn minn zbalji tal-passat.

Ghalhekk il-Qorti hi kostretta li tapplika l-provvedimenti tar-regolament 27(2)(b) tar- ***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi*** li jipprospetta l-imposizzjoni ta' multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-kaz in dezamina l-piena ghaz-zewg imputazzjonijiet hi l-istess wahda kif ravvizata bir-regolament 27(2)(b) appena citat.

It-tielet u r-raba imputazzjoni servew bhala mezz ai fini ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-***Kodici Kriminali***, ir-Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(d)(e), 18(1)(c) u 27 tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi* (L.S.549.42),** issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal <u>sena</u> prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal <u>sentejn</u> millum.

Ai termini tar-regolament 27(2)(b) tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi* (L.S.549.42),** il-Qorti qed torda r-**revoka permanenti** ta' kull liċenza jew permess mahruga f'isem l-imputat, maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

Ghalkemm il-prosekuzzjoni qed titlob il-konfiska tal-*corpus delicti* li strettament tinkludi wkoll id-dura imsemmija, l-istrumentalitajiet li bih twettqu ir-reati li dwarhom qed tinstab htija baqghu ma gewx esebiti, mqarr formalment, u ghaldaqstant il-Qorti giet prekluza milli tordna l-konfiska tal-*corpus delicti.*

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**